# Apprezzament

# Mons. Maurice Grech

*minn Anna Mendes CORDEIRO*

**Nhar** il-Ġimgħa 4 t'April, kif kont miftehma, mort inkellem lis-Sinjura Mafine Grech fid-dar tagħha f'Villa Grech-Mifsud. Billi kont naf li hu żewġha, Mons. Maurice Grech, kien l-isptar, staqsejt għalih. Qaltli li kien marid ħafna, infatti hu miet l-għada, is-Sibt, 5 t'April 2003.

Il-funeral tiegħu sar nhar it-Tlieta 8 t'April, u kellu funeral kif kien jixraqlu. Attendenza numeruża ta' min kien jafu mill-qrib. Għalkemm minħabba problemi ta' saħħa kien irtirat, xorta baqa' jaħdem ma' gruppi ta' talb, li kienu jħarsu lejh bħal l-missier spiritwali tagħhom.

Fr. Maurice kien iben is-sinjura Julia mwielda Vassallo u s-sur Wyndham. Huwa twieled fil-Gżejjer Seychelles fl-Oċejan Indjan fit-8 t'Awwissu 1924, fejn missieru kellu kariga għolja. Għadda parti minn tfulitu barra minn Malta, iżda aktar tard hu u ħutu s-subien ġew jistudjaw fil-Kulleġġ ta' St. Edward's.

Wara, Fr. Maurice beda l-karriera militari tiegħu f'Sanhurst, l-Ingilterra. Matul it-tieni gwerra dinjija ħa sehem attiv fl-Italja, fil-Greċja u fl-Afrika ta' Fuq. Meta spiċċat il-gwerra, ħalla l-kariera militari wara spallejh, u mar Ruma fejn beda t-triq tas-saċerdozju fil-*Venerable English College*. Ġie ordnat saċerdot fit-12 ta' Diċembru 1952 fil-Bażilika ta' San Pietru, fil-Vatikan.

L-ewwel Quddiesa sollenni hawn Malta ġiet iċċelebrata fir-Rotunda tagħna, f'Ġunju 1953. Għalkemm jien kien għadni żgħira, bqajt niftakar din il-quddiesa. Biex ikantaw fil-quddiesa kienu ġew it-tfal ta' l-Istitut ta' San Ġużepp, u wara dawn ġew mistiedna għal riċeviment fil-Villa Grech-Mifsud. Dak iż-żmien it-tfal ta' l-istituti kienu jipparteċipaw biss f'xi funeral, u mhux f'okkażjonijiet ta' ferħ bħalma kienet din l-okkażjoni. Tassew li ż-żerriegħa ta' imħabba lejn dawn it-tfal kienet diġà nibtet fil-qalb ta' dan is-saċerdot.

Niftakar li lilna t-tfal u żgħażagħ li konna noqgħodu fil-qrib ukoll ġejna mistiedna minn Dun Maurice biex nipparteċipaw f'festin għalina u wkoll biex naraw ir-rigali li kien qala'.

Ftit taż-żmien wara, l-Arċisqof Mikiel Gonzi ħatru Direttur ta' l-Istituti, li kellhom f'idejhom il-kura tat-tfal iltiema. Hawn ħadem ħafna biex jibdel il-mod ta' kif kellhom jitmexxew dawn l-istituti, li hu beda jsejjħilhom Djar - għax xtaq li t-tfal li kienu jgħixu fihom, ikollhom ambjent li jixbaħ lil dak ta' tfal oħra fi ħdan il-familja. Għalhekk kienu jitqassmu fi gruppi żgħar b'soru tieħu ħsieb dak il-grupp bħala omm ta' familja. Dawn ukoll kienu jkunu segwiti minn kunsilliera, tobba, eċċ. Hu qata' wkoll l-użanza li tfal jattendu funerali u jkunu esposti għal xeni ta' swied il-qalb (huma, li diġà kienu daqu l-imrar ta' sitwazzjoni simili f'ħajjithom) u minflok, twaqqfu fondi biex min irid ikun jista' jgħin bħala benefattur sostenitur.

Ma kienitx ħaġa faċli dak iż-żmien (il-kelma aġġornament ma kienitx parti mill-vokabolarju tagħna) - imma bil-persistenza u l-perseveranza, u fuq kollox bid-diskrezzjoni li kienet karatteristika ta' dan is-Saċerdot żelanti u umli, ir-riżultat hu li għandna 'Djar tat-Tfal' kif nafuhom illum. Il-Knisja f'Malta għandha għaliex tkun rikonoxxenti lejn dan is-Saċerdot li ħalliena ftit ġimgħat ilu.